**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 196/2022 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**EM**

**U**

**RM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt EM u RM datat 7 ta' April 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi il-partijiet izzewwgu fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1997); certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt konsenswali redatt minn Nutar Dottor Krystle Frendo Galea data sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016); Vera kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom separati de facto mis-sena 1999 u separati legalment mis-sena 2016 il-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi ma hemm l-ebda dritt tal-manteniment bejn il-partijiet stante illi kif tixhed il-Vera Kopja tal-kuntratt ta' Separazzjoni, iz-zewg partijiet irrinunzjaw ghad-dritt tal-Manteniment;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment l-esponenti jitlobu bir-rispett lil din l-Onor. Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet tas-26 t'April 2022 li permezz taghha iddikjaraw li ma ghandhomx provi ulterjuri x'jipproducu, jew trattazzjoni finali x'jghamlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EM xehed** (vide affidavit a fol 11) illi l-partijiet zzewgu nhar l-14 ta' Marzu 1997 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux ulied. Sostna illi dawn iz-zwieg ma rnexxiex u illi huma sseparaw de facto fis-sena 1999 waqt illi legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dottor Krystle Frendo Galea datat sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016). Iddikjara illi mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni. Ikkonferma di piu', li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**RM xehdet** (vide affidavit, fol 12) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena***

***mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar l-14 ta' Marzu 1997, liema zwieg igib c-certifikat numru 248/1997 (Vide, certifikat taz-zwieg fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat nhar is-6 ta' Ottubru 2016 fl-atti tan-Nutar Dr Krystle Frendo (Vide Dok B, fol 4 et seqq) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 248/1997 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**